MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 388/2000/1

**Joseph Pavia**

**Vs**

**Charmaine Mifsud**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fl-20 ta' April, 1997, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A;**

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwig kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ghall-kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregoa z-Zwigijiet**;

Illi ghalhekk l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett fil-Ligi;

L-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol.3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol.4;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Charmaine Mifsud datata 17 ta' Novembru 2000, fejn ecepit bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti tammetti li z-zwieg taghha mal-attur li sehh fl-20 ta' April 1997 huwa null u bla effett izda dana ghar-ragunijiet imputabbli lejn l-attur u mhux kif indikat fic-citazzjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta flimkien mal-lista taz-xhieda, a fol.11 tal-process;

Rat il-verbal tal-31 ta’ Ottubru 2000, fejn il-Qorti nnominata lil Dr. Edwina Grima biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat il-verbal tal-14 ta’ Frar 2001;

Rat l-avviz tas-17 ta’ Settembru 2001;

Rat il-verbal datat 2 ta’ Novembru 2001;

Rat l-avviz tat-22 ta’ Frar 2002, fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.;

Rat il-verbal tat-22 ta’ Mejju 2002 fejn Dr. Edwina Grima informat lill-Qorti li l-attur qaat ma kien prezenti ghas-seduti;

Rat in-nota tal-attur datata 15 ta’ Lulju 2002, li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu u ta’ Emanuela Pavia;

Rat il-verbal datat 27 ta’ Novembru 2002;

Rat ir-rapport ta’ Dr. Edwina Grima;

Rat il-verbali datati 6 ta’ Marzu 2003, 8 ta’ Mejju 2003, 12 ta’ Gunju 2003 u dak datat 19 ta’ Novembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2003;

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi il-konvenuta xehdet f’zewg seduti u cioe’ f’dawk tal-31 ta’ Ottubru 2001 u tat-18 ta’ Gunju 2002. fil-fatt l-esponenti kient l-ewwel semghet ix-xhieda tal-konvenuta, stante illi l-attur ma kienx qieghed jattendi ghas-seduti iffissati. Il-konvenuta tixhed u tghid illi hija izzewwget lill-attur fl-20 ta’ April 1997. Huma ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg. Iltaqghet ma’ l-attur madwar erba’ snin qabel izzewwgu. Kienu jiltaqghu kwazi kuljum u kienu jahdmu it-tnejn, l-

attur kellu hanut tal-fotografija gewwa Hal Luqa, filwaqt li hija kienet tahdem gewwa fabbrika. Fl-ahhar sena qabel izzewwgu, hija telqghet mill-fabbrika u bdiet tahdem ma'l-attur fil-hanut tieghu.

Illi l-konvenuta tghid li fil-perijodu ta' l-eghrusija huma kellhom hafna problemi, liema problemi zdiedu wara z-zwieg. Kien hemm zmien meta anke riedet tinfired minnu, izda l-attur ma accettax. Il-glied kien ikkagunat minhabba li l-attur kien bniedem nervuz hafna u malajr kien jizbroffa, tant illi anke kien ikun aggressiv fis-sens illi kien jaqbad u jibda ikisser l-affarijiet ta' madwaru. Maghha madanakollu qatt ma kien aggressiv u cioe' qatt ma refa' idejh fuqha. Tiftakar okkazzjoni fejn kien kisser il-hgiega tal-mejda ghand ommu b'daqqa ta' ponn. Kien anke ikisser fil-hanut u fil-karozza. Mhux l-ewwel darba li kisser il-hgiega tal-*counter* jew darba kien kisser il-*windscreen* b'daqqa ta' ponn. Dan kollu gara qabel iz-zwieg.

Illi l-konvenuta tiftakar li l-attur kien jiggieled spiss ma' ommu. Huwa kien qalilha illi dan kien jigri anke qabel ma iltaqa' maghha. Wara li beda johrog maghha tiftakar okkazzjoni partikolari fejn huwa kien telaq mid-dar ta' ommu u dam madwar tlett xhur ma imur lura id-dar. Dan kien jigri peress li huwa kien aggressiv u jitilghlu malajr. Anke per ezempju jekk ommu kienet tirrimarkalu li nesa l-*fridge* miftuha, jew ghaliex sabbat il-bieba tal-*cupboard,* kien jitilghlu u isir aggressiv. Tghid illi qabel iz-zwieg kien ukoll ihebb ghaliha, izda qatt ma sawwatha.

Illi l-konvenuta tghid li waqt l-eghrusija, l-attur kien ighir ghaliha hafna u kien ikollha hafna xenati minhabba f'din l-ghira. Wara iz-zwieg din naqqset u dana peress li hija ma baqghetx tahdem fil-fabbrika fejn huwa kien isib oggezzjoni u dana ghaliex kien ighid illi it-tfajliet ma kenux serji u kien ikun hemm l-irgiel. Hija tirrakonta episodju meta kienu marru Ghawdex mal-genituri taghha. Hija kellha dublett qasir u tbaxxiet. Huwa beda jghidilha li kienet ghamlet dan ghal ta' l-apposta. Kellhom glieda tant li kien rema c-curkett ta'l-eghrusija li baqa' qatt ma instab u hi kienet kissritlu l-mobile.

Illi hija tirrakonta episodju iehor li sehh qabel iz-zwieg, meta l-attur kien ma jiflahx u gab it-tabib. It-tabib kien qallu li ma kienx minnu li kien ma jiflahx, izda li kien qieghed ibati b'*depression* minhabba ix-xoghol u ma kellux f'xhiex jizvoga. It-tabib kien certu Dr. Fenech minn Haz Zabbar. Tiftakar li kien tah xi kalmanti hfief.

Illi wara z-zwieg, imbaghad, hija tghid li huwa baqa' dejjem jidher *depressed* u din id-depressjoni kienet aggravat. Meta kien imur lura id-dar mix-xoghol, kien jintefa fuq is-sodda u ma ikun irid lil hadd ikellmu. Hija kienet tipprova tkellmu, izda ma kienx jirrispondi u kien ighidilha biex titfilu d-dawl halli jorqod. Gieli kien jaghmel sa jumejn shah fis-sodda. Dan kien jigri madwar sitt xhur wara iz-zwieg u grat b'kollox madwar erba darbiet. Kienu lanqas johorgu meta kien ikun f'dawn il-burdati. Meta kien ighaddilu kien jirritorna normali u ma kienx ighidilha x'kien gralu u ighidilha, *"issa l-aqwa li ghadda."*

Illi meta zzewwgu l-konvenuta kienet ghamlet sitt xhur tahdem fil-hanut tal-fotografija. Wara huwa kien fetah hanut iehor tal-*white goods*, u l-attur ma baqax bil-hanut tal-fotografija u tah lura lis-sidien. Hija bdiet tmur fil-hanut il-gdid biex tghinu fil-paper work biss. Hu kien isiefer spiss fuq xoghol u meta kien jaghmel dan hija kienet thalli l-flus tal-haddiema ghand ommu peress li hija kellha *safe.* Ohtu u huh ukoll kienu jahdmu maghhom u meta kien jigi lura mis-safar kien ighid lil ohtu biex iggib il-flus maghha. Mhux l-ewwel darba li hija kienet tinsihom. L-konvenuta kient tmur il-hanut fis-1:30p.m. biex taghmel ix-xoghol taghha filwaqt illi oht l-attur kient tmur lura id-dar bejn is-1:00p.m. u l-4:00p.m.. Darba minnhom ohtu kienet qalet lill-attur li kienet gabet il-flus fil-ghodu u meta marret il-konvenuta biex tigborhom ma sabithomx fil-post fejn is-soltu kienet tqieghdhom. Meta hija qalet lil zewgha huwa cempel lil ohtu u beda ighajjarha u ghamlilha xenata. Ftit tal-hin wara l-konvenuta kienet sabet il-flus mohbija f'post iehor u kienet gharrfet lill-attur b'dan. Huwa beda ighajjat maghha u ighajjarha quddiem l-impjegati. Meta hija wegbitu li ser titlaq u ma taghmel xejn huwa hadilha ic-cwievet tal-karozza taghha. Irnexxielha issib *spare key* ghand impjegat u harrbet. L-attur mar warajha u ghamlilha

xenata fit-triq meta waqqaf quddiem il-karozza taghha. Hija ma felhitx ghal din is-sitwazzjoni, marret id-dar, u bdiet tippakkja hwejjigha sabiex titlaq. Hu beda jerga' jispakkjalha il-hwejjeg u hi regghet ippakkjathom. Fl-ahhar sakkar lilu innifsu fil-kamra tal-banju u beda jheddidha li jekk titlaq huwa joqtol ruhu b'idejh. Ghalhekk hija kellha tibqa' id-dar. Il-konvenuta tghid li zewgha kien tip ta' bniedem li ma jikkontrollax lilu innfisu u kien jumiljaha anke quddiem l-impejgati tieghu stess.

Illi l-konvenuta tixhed dwar incident iehor li sehh matul l-eghrusija taghhom. L-attur ghandu ohtu izghar minnu. Meta hija kienet tmur id-dar ghandhom, din it-tifla kienet dejjem tinsisti mal-konvenuta sabiex titla' f'kamartha halli turiha il-gugarelli. Darba minnhom huma bdew jilghabu bil-loghob ta'l-idejn u accidentalment il-konvenuta laqtghet lill-attur bil-goff f'wiccu. Ir-reazzjoni tieghu kienet wahda vjolenti, ta daqqa ta' ponn fuq l-iskrivanija u kisser il-hgiega, beda jghajjat maghha u hebb ghaliha. L-konvenuta ghalhekk nizzlet tigri 'l isfel sabiex titlaq 'il barra, izda ommu ma hallithiex. L-attur nizel jigri warajh, qaleb il-mejda tas-salott, imbaghad intefa wiccu 'il fuq ma'l-art b'nifsu maqtugh. Ommu bdiet tibki. Ftit wara qam mill-art u bla kliem u bla sliem telaq 'il barra. L-konvenuta baqghet hemm fuq insistenza ta' ommu u nofs siegha wara, mar lura u beda ighajjtilha. Qalilha biex tohorg barra hdejn il-karozza tieghu u hemmhekk hija sabet bukkett fjuri. Kien ghaddielu.

Illi l-konvenuta tghid illi dawn l-incidenti ta' vjolenza kienu jkunu spissi u dawn kienu parti mill-karattru ta'l-attur. Wara iz-zwieg zdiedu u dana peress illi qabel huwa kien jizvoga ma' ommu u anke kien hemm okkazzjonijiet fejn telaq mid-dar u mar ighix wahdu fi flat. Matul iz-zwieg hija tghid li kien ikun hemm minn ta' l-inqas tlett episodji minn dawn fil-gimgha. Ghalhekk mhux l-ewwel darba li hija kienet telqitu fl-eghrusija u dana minhabba din il-vjolenza fil-karattru tieghu illi hija ma setghetx tittollera. Izda l-attur kien dejjem imur ghandha bil-kumplimenti u bil-fjuri u hija kienet terga' taqa ghalih. Hija hassbet li fiz-zwieg huwa kien ser jirranga u forsi l-affarijiet jinbiddlu, izda dan ma

garax. Kien ghalhekk li hija accettat li tizzewwgu u dana ghaliex hu kien iwieghda li ser jinbidel.

Illi l-konvenuta tghid li wara iz-zwieg hija kienet marret ma' l-attur ghand psikjatra, Dr. Mangion. Dana gara madwar sena jew sena u nofs wara iz-zwieg.  Dan sehh wara li l-konvenuta kienet qalet lill-attur li huwa kellu problema u kellu bzonn l-ghajnuna ta' psikjatra peress li kien ikun il-hin kollu bid-dwejjaq. Kienet qaltlu li kienet ser tibqa' mieghu biss taht il-kundizzjoni li huwa jiehu il-kura. Ghall-ewwel huwa ma riedx imur, izda wara accetta li imur wahdu. Kien mar l-ewwel darba, izda hija skopriet li ghall-appuntamenti sussegwenti kien qieghed ifalli. Darba minnhom hija cemplet u kellmet lil psikjatra u huwa qalilha biex tghid lil zewgha biex ma jibqax imur ghandu u biex ifittex psikjatra iehor ghaliex ma kienx qieghed isegwi l-istruzzjonijiet tieghu. Per ezempju jew ma kienx jiehu il-pilloli jew kien jehodhom kollha f'salt. Meta hija kellmet lill-attur, huwa rrabja u qalilha li ma kienx ser imur iktar. Hija tghid li fiz-zmien li kien jiehu il-pilloli, huwa kien miexi 'il quddiem, izda minghajr il-pilloli l-problemi kienu jerrghu ifeggu.

Illi l-attur kien jinsisti maghha biex tmur il-hanut tghinu, izda l-konvenuta tghid illi huwa kien ikun aggressiv u ghalhekk kienet tmur hemm bil-biza li jekk hija taghmel l-icken zball, huwa kien ighamel xenata. Fil-fatt tghid illi meta ssepparaw hija regghet akkwistat is-*self confidence* taghha li huwa kien kissrilha ghaliex huwa kien dejjem iwaqqalha il-moral u hija bdiet tahseb li ma kienet tajba ghal xejn.

Illi matul iz-zwieg, huma bdew jippjanaw sabiex ikollhom it-tfal u wara xi sena u nofs, tghid li kienet inqabbdet tqila, izda kellha *miscarriage*. Anke waqt it-tqala huwa baqa' jiggieled maghha u kienu jispiccaw fl-idejn. Bhala ragel mizzewweg, hija tghid li huwa qatt ma taha kas il-hajja mizzewwga taghhom. Qabel iz-zwieg kienet hadet hsieb kollox hi, nkluzi l-preparamenti ghat-tieg, ghaliex ghalih ix-xoghol kien jigi l-ewwel u qabel kollox u huwa baqa' l-istess fiz-zwieg. Il-*business* kien kollox ghalih. Tghid li l-attur kien ihobbha *"in his own way".* Kien jahseb li jekk

jikkuntentaha finanzjarjament u materjalment dan kien ikun bizzejjed ghaliha.

Illi tghid li f'wahda mill-glidiet li kellhom, kienu ghamlu xi erbat ijiem ma jiktellmux u meta ddecidiet taffrontah, hu beda jinsisti li ried imur jorqod. Hija ma reditux u bdiet tixghel id-dawl, izda huwa qam mar u tefa' l-*mains* tad-dawl. Hija ghalhekk bir-rabbja ppakkjatlu hwejjgu f'bagalja u tefathomlu fil-parapett. Hu rrabja qam ghaliha u kien aggressiv maghha.

Illi wara sentejn zwieg, huma kienu xtraw post iehor fejn joqghodu u kienet tiehu hsieb kollox l-konvenuta. L-attur kien dejjem mohhu fix-xoghol. Darba minnhom kienet gabet il-bennej u huwa kien qalilha li kien xtara zewg *airconditioners*. Hija kienet qaltlu li seta' xtrahom mill-hanut taghhom u ghalhekk huwa kien hassar l-ordni li ghamel sabiex jixtrihom mill-hanut taghhom. Meta hija qalet lill-attur u qaltlu li l-bennej riedhom malajr, huwa qajjem argument shih. Il-bennej beda jcemplilha regolarment biex jara meta zewgha kien ser jehodlu l-*air conditioners*. Darba minnhom cempel meta kien hemm l-attur id-dar u ma riedx ikellmu u l-bennej induna li kien gara xi haga. Wara li qatghet it-telefon, bdew jiggieldu. Wara li ghamlu tlett ijiem ma jitkellmux, l-konvenuta kienet marret il-hanut u qalet lill-attur li kienet ser titilqu. Huwa ma emminhiex u ghalhekk hija marret id-dar ippakkjat hwejjigha, kriet flat u marret tghix go fih. Wara jumejn hija marret tghix ghand ommha. L-attur baqa' jittama li hija kienet ser terga' tmur lura. Il-konvenuta bdiet tinsisti li jmorru jkellmu *counsellor*, izda huwa beda jirrifjuta u ghalhekk iddecidew li jisseparaw. Fil-fatt hekk ghamlu.

Illi l-**attur** xehed permezz ta' affidavit. Huwa ighid li zzewweg lill-konvenuta fl-20 ta' April 1997 wara hames snin eghrusija. Minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal. Huwa ighid li fl-1990 fetah negozju ghal rasu. Huwa minn dejjem kellu dan it-tir f'rasu u ghalhekk beda jahdem sighat twal sabiex jilhaq dan il-ghan. Ghall-ewwel kien fetah hanut tal-fotografija, izda l-ambizzjoni tieghu kien li jiftah hanut b'affarijiet elettronici. Ighid li ghall-ewwel il-genituri tieghu tawh l-ghajnuna li kellu bzonn anke

finanzjarja, izda meta bdew jaraw li huwa kien qieghed jiffissa fix-xoghol, beda l-inkwiet bejniethom. Mill-eta ta' dsatax-il sena hajjtu kienet ikkoncentrata biss fuq ix-xoghol. Il-genituri tieghu kien ighidulu li kien wisq zghir ghal din ir-responsabbilta' u li kellu igawdi il-hajja bhal zghazagh ohra. Izda ghalih ix-xoghol kien sar hajtu u ftit li xejn kien jimpurtah mill-hajja socjali tieghu.

Illi madwar sentejn li kien ilu fin-negozju, l-genituri tieghu ikkonvincewh li jibda imur Paceville darbtejn fil-gimgha u kien hawnhekk li huwa iltaqa' mal-konvenuta. Huwa ma tantx kellu hbieb u allura ir-relazzjoni tieghu ma' Charmaine giet bhala opportunita ta' hrug ghalih u fl-istess hin kien qata' xi ftit mit-tgergir tal-genituri tieghu.

Illi meta huwa beda johrog mal-konvenuta, huwa ma kellu l-ebda hsieb ta' zwieg u dana peress li ghalih ix-xoghol kien hajjtu. F'dan il-perijodu l-inkwiet mal-genituri tieghu beda jizdied u ghalhekk kien telaq mid-dar u mar ighix ghal rasu. Ighid li l-konvenuta mal-ewwel hadet ir-relazzjoni taghhom bis-serjeta' tant li wara sena hija bdiet tinsisti li jixtru post flimkien. F'dan iz-zmien huwa kien diga ghaddej minn pressjoni ta' xoghol u pressjoni minhabba l-inkwiet mal-genituri, li accetta bil-patt illi tiehu hsieb kollox hi. Ighid ghalhekk li l-konvenuta bdiet tiddecidi kollox hi dwar ir-relazzjoni taghhom, tant li hi flimkien ma' ommha ddecidew ukoll id-data taz-zwieg. Ighid li l-konvenuta hadet hsieb ukoll il-preparamenti ghat-tieg wahedha flimkien ma' ommha. Huwa kien ihalliha taghmel kollox hi peress li ma riedx iktar inkwiet minn dak li kellu fuq ix-xoghol.

Illi meta huwa gie biex jiftah kumpanija, l-konvenuta bdiet tilmenta mieghu li huwa kien iktar qieghed jaghti kas in-negozju milli lilha u ghalhekk biex jalqilha halqha hu kien taha 5% mill-ishma tal-kumpanija u minn hawn hija bdiet tahdem mieghu fil-hanut. Minn hawn huwa jghid li beda jiskopri l-karattru difficli tal-konvenuta. Ighid li kienet taqlalu l-inkwiet meta id-decizjonijiet ma kienx jehodhom kif tghid hi. Hija bdiet anke tindahhalu kif jonfoq il-flus tant li meta xtara l-ewwel *fax machine* huwa kellu jigdeb dwar il-prezz. Mhux biss izda jghid li l-konvenuta ma kenitx

tissapportjah fl-iktar haga importanti f'hajjtu u cioe' fin-negozju. Ma kienu jaqqblu f'xejn u ghalhekk spiccaw li kull darba li jiltaqghu huma kienu jiggieldu. Huwa kien jilmenta fuq dan mal-familjari tieghu u jghid li qabel iz-zwieg kien diga jaf li hajjtu mal-konventa kien ser ikun infern. Huwa anke ried ihassar l-eghrusija, izda peress li kien ta il-5% mill-ishma lill-konvenuta beda jibza' li ser taqla' l-inkwiet fin-negozju tieghu. Mhux biss hekk, izda il-post li kien xtara mal-konvenuta kien qieghed jaghmel tajjeb ghall-*overdraft* li kellu mal-bank. Peress li kien ghadu fil-bidu tan-negozju huwa beda jibza li jekk jitlaq lill-konvenuta, huwa jispicca minghajr l-*overdraft* ghaliex ma kellux garanzija ohra x'joffri lill-bank hlief ghall-post, kif ukoll kien jispicca minghajr il-5% ta'l-ishma. Huwa dan ma redux ghaliex ghalih il-kumpanija u n-negozju kien jigi l-ewwel u qabel kollox.

Illi minhabba f'dawn il-problemi, jghid li spicca waqa' f'*depression* u kellu imur ghand psikjatra, li kien tah xi kalmanti. Huwa kien anke tqawwa hafna u dana peress li meta imur id-dar huwa kien qieghed jinfexx fl-ikel minhabba id-dwejjaq li kellu. Ighid li l-konvenuta ma kenitx tifhmu u kienet tghiru mignun u tahbilu l-pilloli. Wara li waqqaf il-kura hija kienet tghajjru li kellu jibqa imur ghand psikjatra.

Illi huwa jghid li aktar ma bdiet riesqa il-gurnata tat-tieg, aktar beda jirrassenja ruhu, izda jghid li huwa mal-ewwel ghamilha cara mal-konvenuta li ma riedx ikollu tfal. Minhabba fil-problemi li kellu huwa jghid li ma baqa' ihoss xejn  ghall-konvenuta u dana minn qabel iz-zwieg u kien ghalhekk li huwa ma riedx tfal minn mara li kienet ser torbtu minhabba n-negozju tieghu..

Illi dak in-nhar tat-tieg, huwa kien tant imdejjaq li talab lil ommu taghtih sitt kalmanti sabiex kollox ighaddi bil-kwiet. Ommu kienet tatu dawn il-pilloli u dana peress li ma reditx illi jithassar kollox fl-ahhar minuta. Ighid li huwa assolutament ma jiftakar xejn  x'gara fit-tieg ghaliex kien qiesu f'dinja ohra. Jiftakar biss li meta fl-ahhar marru biex ibiddlu ghal *going away* hu u Charmaine bdew jiggieldu. Anke fil-*honeymoon* kienu ggieldu. Fil-fatt meta gew lura

Malta huma kienu miggieldin u dana peress li kienu llitikaw fl-ajruport. Ighid li huma kienu jiggieldu fuq kollox anke fuq l-affarijiet iz-zghar.

Illi wara iz-zwieg ighid li huwa kien izvoga kompletament fix-xoghol u beda iqatta' il-hin kollu ghax-xogol. Huwa kien jevita imur id-dar hdejn Charmaine. Fil-fatt ighid li b'hekk biss irnexxielu jelgheb id-*depression* li kellu. Huwa beda jinjora lil martu u jhalliha tghid li trid u kien idahhal il-*headphones* f'rasu u jkompli jara it-televizjoni u jaghmel fattieh. Ighid li l-konvenuta iktar kienet tifferocja ghal din ir-reazzjoni u kienet anke tefghetlu hwejjgu kollha 'il barra. Huwa kien jirreagixxi billi jibda ikisser kull ma jara. Kien hemm okkazzjoni ukoll fejn il-konvenuta telqghet lura ghand ommha.

Illi jghid li s-sitwazzjoni kompliet iggravat meta l-konvenuta ppruvat icahhdu mill-familja tieghu peress li kienet anke tikkmandah meta imur ghand il-familja tieghu. Kienet timponilu sabiex kull nhar ta' Hadd imorru ghand ommha. Ighid li l-konvenuta kienet tghir ghar-relazzjoni li kellu ma' familtu meta din tjiebet wara li huma kienu accettaw li ghalih in-negozju kien l-iktar haga importanti f'hajjtu. Jirrakkonta okkazzjoni meta huwa kien siefer u gab rigal ghal ohtu ta' erba' snin. Ighid li l-konvenuta kienet irrabbjat ferm, haditlu dan ir-rigal u damet gimgha ma taghtihulu lura.

Illi wara ftit xhur taz-zwieg tant ir-relazzjoni taghhom kienet spiccat hazina li hu u l-konvenuta kienu fthiemu li jibdew jorqdu fi kmamar separati. Ghall-ewwel l-affarijiet ikkalmaw izda wara ftit regghu bdew jiggieldu. Huwa iktar beda jevita lill-konvenuta tant li wara sena jorqdu f'kmamar separati spiccaw li bil-kemm kienu jitkellmu. Wara glieda minnhom, l-konvenuta kienet kitbitlu ittra fejn infurmatu li peress li ghalih l-iktar haga importanti kien in-negozju, hija kienet ser titlaq tghix ghand ommha. Ighid li hija ghamlet gimgha tghix ghand ommha u f'din il-gimgha huwa rrealizza kemm kienet ahjar il-hajja minghajr il-konvenuta. Ghalhekk meta hija avvicinatu biex jirrangaw huwa ma riedx jaf u ghalhekk ftit wara huma isseparaw

billi huwa offrilha somma konsiderevoli sabiex hija taghtih lura il-5% ishma li kellha tal-kumpanija.

Illi **omm l-attur** ukoll xehdet bl-affidavit. Hija tixhed u tghid li l-attur huwa l-ikbar fost erbat itfal. Tghid li l-attur kien ambizzjuz minn mindu kien ghadu zghir. Huwa kien jghidilha li meta jikber irid *business* kbir. Tghid li hija u zewgha qatt ma qatghulu qalbu u kienu ghenuh anke finanzjarjament. Meta kien ghadu *teenager,* l-attur beda negozju tal-fotografija. Kien ghadu lanqas ghalaq tmintax-il sena u huma kienu tawh ic-*cheque book* taghhom sabiex ikun jista’ jahdem. Tghid li ghall-ewwel hija kuntenta kienet bil-progress li kien qieghed jaghmel binha fin-negozju, izda wara ftit bdiet tinkwieta ghaliex mohhu kien biss fix-xoghol. La kellu hbieb u lanqas kien jiffrekwenta il-postijiet ta’ divertiment ghaz-zghazagh. Ghalhekk hi u zewgha bdew jipprovaw jikkonvincuh li x-xoghol ma kienx kollox fil-hajja, izda hu kien jehodha kontra taghhom  u inqala inkwiet kbir bejniethom. Fl-ahhar tghid li binha kien telaq mid-dar sabiex ma jibqax jismaghhom ighidulu li hajjtu tigi qabel ix-xoghol u l-flus. Izda meta huma kienu accettaw il-fatt li ghal binhom l-ewwel f’hajjtu kien in-negozju, huwa kien mar lura d-dar. Hawnhekk beda imur Paceville sabiex jalqilhom halqhom u wara ftit taz-zmien huwa kien qalilhom li kien qieghed johrog ma’ tfajla u cioe’ mal-konvenuta. Hija kienet serrhet ftit rasha ghaliex hassbet li b’hekk kien ser jibda johrog u jiddeverti, pero’ binha xorta wahda ma biddilx l-attitudni tieghu. Huwa iktar beda jahdem u lill-konvenuta kien ighidilha sabiex tmur id-dar ghandhom halli jiltaqghu. Spiccaw li kienu dejjem ikunu ghandha minflok johorgu flimkien bhala koppja.

Illi beda jghaddi z-zmien u binha beda ikabbar in-negozju. Kien anke fetah kumpanija. Tghid li l-konvenuta kienet tilmenta mieghu li ma kienx jaghti kasha tant li fl-ahhar binha spicca jiddedika hinu kollu ghan-negozju u l-konvenuta bdiet taghmel il-preparamenti ghat-tieg Hija kienet tara din il-haga stramba u dana peress li binha dejjem kien jghidilha li ma riedx irbit qabel jaghlaq l-erbghin sena. Tghid li lanqas interessa ruhu fil-preparamenti ghat-tieg u lanqas kien jistaqsi lill-konvenuta

x'qieghda taghmel tant li anke iz-zarbun ghat-tieg mar jixtrieh gurnata qabel.

Illi hija tkompli tghid li iktar ma bdiet toqrob il-gurnata tat-tieg, hija bdiet tinnota li binha kien qieghed ikollu nervi u dwejjaq kbar. Taf li Joseph u Charmaine kienu il-hin kollu jiggieldu anke fuq ix-xejn, tant li sal-gurnata tat-tieg kienu saru qishom kelb u qattus. Darba minnhom tghid li tant kienu ggieldu li binha kien intilef minn sensieh u l-konvenuta kienet telqghet 'il barra. Ghalhekk binha spicca mar ghand psikjatra li tah xi kalmanti u iktar ma bdiet riesqa il-gurnata tat-tieg huwa kien ikun aktar imdejjaq mill-ferhan.

Illi xahrejn qabel it-tieg binha kien infurmaha li kien ser ihassar il-gurnata tat-tieg peress li id-dar ma kenitx ghada lesta. Hija ndunat li din kienet biss skuza u dana peress li kull ma kien jonqosha d-dar kienet l-ghamara. Omm l-konvenuta ma reditx tipposponi it-tieg u ghalhekk hija kienet ikkonvinciet lil binha biex jikkalma u kienet qaltlu illi kien tard wisq sabiex imur lura fuq kelmtu. Tghid li binha spicca lanqas ried jilqa' il-mistedin id-dar. Huwa kien idum ix-xoghol jew kien jitla' fil-kamra tieghu u spiccat tilqa' n-nies wahedha.

Illi tiddeskrivi l-gurnata tat-tieg bhala l-aghar gurnata ta' hajjtiha. Binha tant kellu dwejjaq li tghid sahansitra kienet telghatlu ghajnejh. Kien talabha biex taghtih il-kalmanti u hi kienet tatu il-vazzett tal-kalmanti u dana sabiex ma tisfrattax festi. Spiccaw wasslu tard il-Knisja u l-attur lanqas kien jaf x'kien qieghed jigri. It-tieg ghaliha kien bhal holma kerha.

Illi wara z-zwieg, binha iktar beda jizvoga fin-negozju. Huwa kompla jkabbar in-negozju u kien iqatta' il-hin kollu x-xoghol. Hija spiccat bil-kemm kienet tarah u dana ghaliex l-konvenuta ma kenitx thallieh imur ghandha. Tghid li fil-ftit hin li kienu jkunu ghandha, kienet tinduna li l-konvenuta kienet tihdar meta kienet tara lil zewgha jilghab ma' hutu iz-zghar. Hija ma setghetx tifhem ghaliex l-konvenuta kienet qed tirreagixxi b'dan il-mod.

Illi wara ftit xhur hija ndunat li binha kien ikun imdejjaq fil-kumpanija ta’ martu. Meta kellmitu, huwa kien qalilha li martu kienet mohha biex ittellfu min-negozju u kienet mohha biss biex tiddeverti u tberbaq il-flus. Hawn rrealizzat illi hajjtu kienet regghet spiccat xoghol biss u dana minkejja li kien ghadu mizzewweg frisk.

Illi meta kienet ghadha lanqas ghaddiet sena miz-zwieg taghhom, huwa kien infurmaha li hu u martu kienu qed jorqdu f’kmamar separati u dana sabiex inaqqsu mill-glied li kienu jiggieldu. Anqas minn sentejn wara iz-zwieg, binha u l-konvenuta kienu isseparaw. Wara s-separazzjoni binha kompla ikabbar in-negozju tieghu li jigi l-ewwel u qabel kollox f’hajjtu u dana inkluz qabel il-familja tieghu u qabel hajtu stess.

**ii) Principji Legali.**

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li l-attur qieghed jibbaza it-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg** u precipalment ghal dak li hemm previst fis-**sub-inicizi (1) (d) u (1) (f)** u cjoe’ li l-kunsens tal-konvenuta kien issimulat u li l-konvenuta ma kelluiex dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghal hajja mizzewwga u ma kienetx kapaci tassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kienet qed ibati minnha.

Illi **l-artikolu 19(1) (f)** jipprovdi li:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.”*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta’ kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista’ jghid li z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **“El Nuevo Derecho Matrimonial**

**Canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali u cjoe'li :-

*"Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma ikunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju li dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta' nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta." (**J.F.Castano** – **Il Sacramento del Matrimonio**).*

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjtihom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta'l-ulied, jew l-eskluzjoni ta'l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita’ *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju li l-volonta’ tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed li jkun hemm l-assenza tal-volonta’ ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni posittiva. Dan ifisser li l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha il-volonta’ u ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju li tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista’ jkun li mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car li l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*“L’atto positivo della volonta non si identifica con l’intenzione espressa o esplicita, ma l’atto della volonta puo’ essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire <u>mediante il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l’insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.”* ***(O.Giacchi*** **– Il Consenso Matrimoniale Canonico).**

Illi dan is-subartikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** deciza minn din il-Qorti fid-9 ta’ Marzu 2000 (Cit. Nru. 1019/98RCP) u ghalhekk qed issir riferenza ampja ghal principji legali enunzjati fl-istess.

Illi *‘noltre* f’sentenza fl-ismijiet **“Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella”** deciza fis-27 ta’ Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP), din il-Qorti stqarret is-segwenti u dan b’referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **“Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia et. nomine”**:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.”*

Illi tal-istesss portasta hemm is-sentenzi **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** – (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) – 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi vs Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunu 2000 u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2002) fost ohrajn.

Illi **s-subiniciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita' taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens. L-anomalija psikologika trid tkun wahda serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Novembru 2002 – Cit. Nru. 1822/01 RCP) il-Qorti tistqarr:-

*"Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad dritt kanoniku (Can.1095(3)), tirrikjedi mhux semplici diffikulta', izda impossibilita li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi finalment ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewwga u cioe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta'l-ulied. Fil-fatt ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkrejat ma jistax ikun wiehed validu.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et. nomine"** (P.A. 18 ta' Jannar 2000 - Cit.Nru. 2443/97RCP) gie deciz li:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap.255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk*

*li fis-socjeta Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma 'the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseperable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characterisitics.' (***Viladrich, P.J.*** *op.cit., p.687)".*

**<u>iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

**(a) <u>L-artikolu 19 (1) (f).</u>**

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta s-segwenti:-

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti minghajr l-icken dubbju johrog car mix-xhieda kollha prodotta f'din l-istanza li l-attur kellu ossessjoni qawwija fuq ix-xoghol tieghu. L-ambizzjoni li nibtet fih minn mindu kien ghadu guvnott, tant kibbret illi wasslitu ghal punt fejn l-uniku haga li kienet tezisti ghalih f'hajjtu kien biss it-tkabbir tan-negozju tieghu. Din l-ossessjoni sahansitra kienet tippreokkupa serjament anke lill-genituri tieghu li minflok bdew jifirhu ghaliex jaraw lil binhom jimxi 'il quddiem f'xogholu, bdew iqiesu l-istess bhala kwazi ir-rovina ta' hajjtu. L-attur spicca lanqas kellu hajja ohra barra x-xoghol u meta ghamel tentattiv u pprova jintegra ruhu fil-hajja socjali, iltaqa' mal-konvenuta u beda johrog maghha kwazi kwazi biex ighalaq halq il-genituri tieghu u ma jismaghhomx igorru.

Illi minhabba f'din l-ossessjoni huwa ma setax ihoss l-ebda sentiment fil-konfront tal-konvenuta ghaliex kif ighid hu stess in-negozju ghalih kien jigi l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ma kenitx wahda

felici karatterizzata bi glied kontinwu kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara u dana ghaliex ghall-attur, il-konvenuta kienet tidher biss bhala xkiel u intromissjoni fl-ezercizzju tan-negozju tieghu. Huwa car ghalhekk illi huwa ma kien ihoss xejn lejn il-konvenuta u dana sahansitra minn qabel iz-zwieg, tant li jidher li anke ried ihassar l-eghrusija ftit qabel.

Illi milll-provi prodotti jidher gustifikat il-kumment tal-brava perit legali Dr. Edwina Chetcuti fejn qalet li *“hadet l-impressjoni illi fil-gurnata tat-tieg l-attur kien qiesu sejjer ghal forka milli ghal bidu ta’ hajja gdida maghqud fiz-zwieg mal-konvenuta”.* Fil-fatt huwa kien anke ghaddej minn *depression* akuta qabel iz-zwieg li baqghet sejra wara iz-zwieg kif jirrizulta mill-komportament bizzarr u aggressiv tieghu u anke mill-kalmanti li kien ippreskrivielu t-tabib u iktar tard anek il-psikjatra.

Illi jidher li qabel iz-zwieg l-attur kien ittrasferixxa 5% ta’l-ishma tal-kumpanija favur l-konvenuta u inoltre huwa kien ha *overdraft* mill-bank biex ikun jista’ jiggestixxi dan in-negozju u l-uniku garanzija li seta’ joffri ghal din l-overdraft kienet id-dar li kienu xtraw flimkien hu u l-konvenuta. Ghalhekk huwa jghid li minhabba f’dawn iz-zewg fatturi li kienu marbuta man-negozju, tant mahbub ghalih, huwa beza ihassar l-eghrusija mal-konvenuta. Beda jibza’ li l-konvenuta kienet ser tostakolalu l-andament tan-negozju minhabba l-ishma li kellha fuq il-kumpanija u inoltre kieku hassar, id-dar ma kenitx tkun tista’ tibqa toffri l-garanzija ghad-dejn mal-bank u hu ma kellux garanzija ohra x’joffri.

Illi wara z-zwieg imbaghad, jidher li l-attur baqa’ fl-istess hajja u cioe’ li x-xoghol jigi l-ewwel u qabel kollox, tant li hajja matrimonjali flimkien mal-konvenuta qatt ma kellu. Kien imdejjaq mill-bidunett maghha, kienu il-hin kollu jiggieldu u kien jibqa’ hinijiet twal ghax-xoghol tant li meta kien imur id-dar kien jintefa jara it-televizjoni jew imur f’kamartu u jorqod. Meta l-konvenuta kienet tipprova tkellmu dwar il-problemi li kellhom, huwa kien jinjoraha u imur jorqod. Kien anke jaqa’ f’attakki ta’ depressjoni u kien jaghmel xi granet maqful f’kamartu sakemm ighaddielu.

Illi ghalhekk minn din l-imgieba ta’l-attur kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, din il-Qorti thoss li ma tistax hlief tasal biex tikkonkludi li l-kunsens ta’l-attur kien totalment simulat u dana peress li l-attur eskluda z-zwieg bhala kuntratt fit-totalita’ tieghu, tant li l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet qatt ma ezistiet.

**(b) L-artikolu 19(1) (d).**

Illi zwieg ikun null, taht din id-disposizzjoni tal-ligi:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi minn gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt sui generis u ta’ ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f’kuntratt ta’ zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita’ li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma ikunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta’ dak li igib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:

“*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita’ intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita’ di mente e di liberta’ dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita*.” (Forum 1990. Vol.I. part 1, pg.72)

Illi abbazi tal-principji fuq indikati jirrizulta mill-provi s-segwenti, kif sew elenkati mill-istess perit legali Dr. Edwina Chetcuti u cjoe:-

A. L-attur kellu ossessjoni serja fuq ix-xoghol tieghu. Ghalih ma kellux hajja ohra ghajr ix-xoghol. Huwa certament kien psikolgikament kompletament iddominat minnha tant li kellu inkapacita psikika jew kostituzzjonali biex jaghraf jirrifletti u jiddeccidi liberalment fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

B. L-attur kien bla dubbju affett minn depressjoni akuta kemm qabel kif ukoll wara iz-zwieg li kienet strettament marbuta ma'l-ossessjoni tieghu fuq in-negozju. Dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-kontendenti u minn omm l-attur stess li jindikaw li l-attur sahasnitra kellu bzonn il-medikazzjoni sabiex jeghlibha. Din id-depressjoni kienet igieghlu jirreagixxi b'mod aggressiv u vjolenti tant illi kienet irrendiet kemm il-hajja tieghu mal-genituri, kif ukoll dik mal-konvenuta impossibbli.

C. L-attur kien ha ghadd kbir ta' kalmanti qabel it-tieg tant li huwa lanqas kien kapaci jaghti l-kunsens matrimonjali. Dana jixduh kemm l-attur stess illi ighid illi lanqas kien jaf x'qed jigri waqt ic-cerimonja taz-zwieg (u ghalhekk fil-mument tal-ghotja tal-kunsens matrimonjali) u ommu stess li kienet il-persuna li ghaddietlu l-pilloli u li tiddefinixxi ic-cerimonja taz-zwieg bhala holma kerah. Dana peress li anke hija kienet qed tinduna li l-attur ma kienx jaf x'qieghed jigri waqt ic-cerimonja.

Illi fuq kollox dak li wasslu lill-konvenuta ghaz-zwieg kienet il-preokkupazzjoni li kellu dwar il-futur tan-negozju tieghu li kieku huwa kellu ihassar l-eghrusija mal-konvenuta peress illi l-konvenuta kellha l-5% ta'l-ishma tal-kumpanija u minhabba l-*overdraft* mal-bank, kif inghad iktar 'il fuq.

Illi ghalhekk l-attur qatt ma seta' ikollu dik il-maturita' shiha u affettiva necessarja ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Huwa ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjesta ghaz-zwieg u dana ghaliex huwa qatt ma seta' ikun kapaci jiriffletti dak li kien ifisser il-kuntratt taz-zwieg fid-dawl ta'l-ossessjoni li kellu bix-xoghol. Inoltre dan wassal sabiex huwa ikun kompletament inkapaci jassumi r-responsabiltajiet tal-hajja mizzewwga tieghu u dana peress li minhabba f'din l-ossessjoni huwa waqa'

f'depressjoni akuta tant li sabiex huwa jerga' jibda hajja normali kellu bzonn bil-fors il-medikazzjoni.

Illi finalment din il-Qorti hija tal-fehma li fil-mument krucjali u cioe' tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attur kien qieghed jagixxi taht l-effett tal-pilloli li huwa kien ha f'doza konsiderevoli tant illi dak il-kunsens ghalhekk ma jistax ikun wiehed validu.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tiddeciedi wkoll li l-kunsens ta' l-attur kien ivvizzjat fid-dawl ta' dak dispost fl-**artikolu 19(1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u peress illi tirrizulta n-nullita taz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti taht id-disposizzjoni **19(1) (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg**, il-Qorti ma hijiex ser tghaddi biex tezamina n-nullita' ta' dan iz-zwieg taht dak dispost fis-**sub inciz (1) (g) ta' dan l-artikolu tal-Ligi.**

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta nkwantu l-istess hija kompatibbli mad-decizjoni odjerna, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fl-20 ta' April 2003 huwa null u bla effett abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------